MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-26 ta' April, 2004

Talba Numru. 2539/2002

**Alfred Zammit**
**vs**

**Joseph Mangion**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fit-22 ta' Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u erbghin lira (Lm540.00) rapprezentanti in kwantu mitejn lira (Lm200) depozitu mhallas bil-quddiem ghal xoghol ta' plumbing li ma giex ezegwit; in kwantu ghal mitejn lira (Lm200) xoghol ezegwit hazin u li l-attur stess kellu jirranga; u in kwantu ghal mija u erbghin lira (Lm140) somma li l-attur silef lill-konvenut "brevi manu".**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali ta' l-14 ta' Ottubru, 2002 u l-imghax legali sal-jum tal-pagament**

**effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002 deher il-konvenut u ddikjara li qed jikkontesta t-talba attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Alfred Zammit, Joseph Mangion. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ra l-affidavits ta' Maria Stella Caruana, Alfred Zammit, Leonard Attard.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-attur qed jitlob il-hlas ghal tlett affarijiet (a) mitejn lira (Lm200) ghal depozitu mhallas lill-konvenut fuq xoghol ta' plumbing li ma giex ezegwit; (b) mitejn lira (Lm200) ghal xoghol esegwit hazin u li l-attur kellu jirranga; (c) mija u erbghin lira (Lm140) li l-attur ighid li silef lill-konvenut.**

**2. Fir-rigward tat-talbiet tieghu l-attur esebixxa l-kontijiet dwar l-ispejjez li ghamel biex sar il-plumbing Dok AZ 2.**

**3. Maria Stella Caruana kkonfermat illi x-xoghol li ghamel il-konvenut kien kollu hazin u in komplut. Fost affarijiet ohra ilmentat fuq il-madum tal-kamra tal-banju u li l-mastrudaxxa ma setax iwahhal il-bieb ta' barra minhabba l-art kif giet. Apparti minn dan ilmentat ukoll illi dak li l-pajpijiet li twahhlu kellhom jinqalghu peress illi twahhlu hazin u l-ilma li hareg ghamel hsara lill-gypsum. Hi nnutat ukoll illi t-tank tal-bejt, illi kien gdid, beda jqattar u dan ukoll ghamel hsara fil-gypsum. Ilmentat ukoll illi ghamel hsara fil-banju billi hawwad is-siment go fih, iccippjah u kellu jintrema. In oltre innutat illi l-fans li wahhal mas-saqaf waqghu. Ikkonfermat ukoll is-self li sar mill-attur lill-konvenut sabiex il-konvenut isewwi l-karozza biex ikun jista' jkompli x-xoghol.**

**4. Leonard Attard jikkonferma illi kellu jnehhi l-madum maghmul minn Mangion peress li kien maghmul hazin u li ma setax iwahhal il-bieb principali peress illi l-madum ma kienx livellat.**

**5. Il-konvenut Mangion li xoghlu huwa mar-*Revenue Security Corps* qal illi kellu nies ighinuh. Qal li l-madum gie oghla minn fejn kellu jigi l-bieb u ghalhekk beda jnizzel il-livell tal-madum meta darba mar u sab lil haddiehor jahdem. Il-konvenut jikkonferma li l-pajpijiet jaghmilhom hu. Skond il-konvenut ma kienux ftehmu meta jispicca x-xoghol u lanqas dwar prezzijiet.**
**6. Skond il-konvenut li kieku kien hemm *leakages* kien jinduna bihom.**
**7. Mill-kumpless tal-provi ma hemmx dubbju illi x-xoghol li ghamel il-konvenut ma kienx tas-sengha. Ma hemmx dubbju illi ma setghax ikun kuntent l-attur bix-xoghol li qed jaghmel il-konvenut, u dana jirrizulta ampjament in kwantu l-istess konvenut ighid illi l-attur kien qallu li x-xoghol kien gej hazin, dana apparti minn dak illi xehdu persuni ohra fir-rigward kif fuq intqal. Huwa ammess mill-konvenut li l-madum ma giex fil-livell illi kellu jigi l-bieb. Is-soluzzjoni tal-konvenut, li t-Tribunal ma jqisx li hi soluzzjoni xejn, kienet li jissuggerixxi lill-attur biex inaqqas il-bieb.**
**8. Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-attur hu gustifikat fit-talbiet tieghu kollha.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lilll-konvenut ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta' hames mija u erbghin lira (Lm540.00). Bl-imghax legali mit-2 ta' Novembru, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali ta' l-14 ta' Ottubru, 2002 ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------